



Brussell, 9 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

9308/23

LIMITE

PROCIV 29
JAI 605
COHAFA 52
FIN 526
CODEC 844
CADREFIN 62

**Fajl Interistituzzjonali:
2023/0095(COD)**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Presidenza
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	8322/23
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili - <i>Approċċ Ġenerali</i>

SFOND

1. Fl-14 ta' April 2014, il-Kummissjoni ppreżentat proposta lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew għal Deċiżjoni li temenda d-Deċiżjoni Nru 1313/2013 dwar Mekkaniżmu tal-Unjoni għall-Protezzjoni Ċivili¹.
2. Id-Deċiżjoni proposta hija limitata (artikolu wieħed) u għandha l-għan li testendi l-iskadenza sa meta l-Kummissjoni tkun tista' tipprovdi finanzjament biex tiżgura d-disponibbiltà rapida ta' ajruplani u elikopters tat-tifi tan-nar biex jappoġġaw lill-Istati Membri fil-ġlieda kontra n-nirien fil-foresti.

¹ 8322/23.

3. Skont dawn id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali ("tranżizzjoni rescEU") il-kapaċitajiet ta' tifi tan-nar mill-ajru (ajruplani u ħelikopters) jistgħu jinkrew għal żmien qasir biex ikopru l-lakuni fil-kapaċità sakemm tiġi akkwistata u ssir operazzjonali l-flotta tal-ajru permanenti. Id-dispożizzjonijiet tranżizzjonali bħalissa huma ppjanati li jiskadu fil-31 ta' Diċembru 2024 iżda, minħabba dewmien fil-produzzjoni tal-ajruplani amfibji permanenti, il-proposta fiha estensjoni ta' dan il-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2027 (tmien il-QFP attwali).

ĦIDMA FIL-KUNSILL

4. Fid-19 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Protezzjoni Ċivili (PROCIV). Tnediet sejħa għal kummenti bil-miktub u l-ewwel skambju ta' fehmiet dwar il-proposta sar fil-laqgħa PROCIV fl-10 ta' Mejju 2023. F'dik il-laqgħa, id-delegazzjonijiet li intervjenew laqgħu l-proposta.
5. Peress li d-delegazzjonijiet esprimew preferenza għal adozzjoni rapida tal-att legali, ma ġiet issuġġerita l-ebda emenda bħala riżultat tad-deliberazzjonijiet. B'mod partikolari, id-delegazzjonijiet innotaw l-urġenza u l-importanza tal-modifika proposta, biex tiġi żgurata d-disponibbiltà rapida tal-kapaċitajiet nazzjonali tat-tifi tan-nar mill-ajru anke lil hinn mill-istaġun tan-nirien fil-foresti tal-2024, speċjalment fid-dawl tar-riskju dejjem akbar ta' nirien fil-foresti fl-Unjoni u l-fatt li n-nirien fil-foresti qed isiru aktar frekwenti u intensi minħabba temperaturi li qed jogħlew u perjodi twal ta' nixfa.
6. Wara dokument ta' diskussjoni tal-Presidenza li ddeskriva dan l-approċċ, il-proposta reġgħet ġiet diskussa fil-laqgħa PROCIV tal-24 ta' Mejju 2023, fejn id-delegazzjonijiet qablu li jappoġġaw il-proposta tal-Kummissjoni mingħajr emendi.
7. Id-delegazzjonijiet qablu wkoll dwar l-inklużjoni ta' dikjarazzjoni tal-Kunsill li għandha takkumpanja l-Approċċ Ġenerali u kkonfermaw il-qbil tagħhom dwar l-abbozz ta' test – li jinsab fl-addendum għal dan id-dokument – wara konsultazzjoni informali bil-miktub fid-9 ta' Ġunju 2023.

KONKLUŻJONI

8. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill:
- jilħaq approċċ ġenerali dwar it-test tad-Deċiżjoni proposta kif ippreżentat mill-Kummissjoni u kif jinsab fid-dokument 8322/23, li ser iservi bħala mandat għal negozjati mal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-proċedura leġislattiva ordinarja (Art. 294 TFUE);
 - idaħħal id-dikjarazzjoni tal-Kunsill kif tinsab fl-Anness għal dan id-dokument fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill.
-